MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2012

Avviz Numru. 476/2005

**Alfred Mallia Milanes**
**(Numru tal-Karta ta' l-Identita 750447M)**

**Vs**

**Tony Zarb (Segretarju Generali tal-'General Workers Union')**
**u Frans Ghirxi (Editur tal-Gurnal 'L-Orizzont')**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenuti jghidu il-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu lill-istess attur is-somma ffissata minn din l-Onorabbli Qorti li ma tkunx izjed minn hamest elef Liri Maltin (Lm5,000) u dana bhala danni ghall-malafama subita ai termini u b'applikazzjoni ta' l-artikou 28 tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta prevja d-dikjarazzjoni u d-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti li s-silta pubblikata fl-ewwel faccata fl-edizzjoni tal-Gurnal 'L-Orizzont' ta' l-Erbgha, 20 ta' Lulju ( li taghha l-konvenut Frans Ghirxi huwa l-Editur) li

tirraporta diskors maghmul mill-konvenut Tony Zarb, Segretarju Generali tal-General Workers Union, waqt li kien qieghed jindirizza konferenza stampa quddiem il-kampanija ‘Interprint’, cioe’ s-silta ‘*Tony Zarb zvela wkoll kif ukoll xoghol li kellha l-kumpanija dan l-ahhar inghata lil kumpanija ohra, li hija kompetitrici diretta tal-kumpanija Interprint. Zvela wkoll kif ic-Chairman ta’ l-Interprint huwa konsulent tal-kumpanija kompetitrici’* hija silta libelluza u tikkostitwixxi malafama fil-konfront ta’ l-attur liema malafama giet maghmula mill-istess konvenuti (kopja ta’ l-ewwel faccata ta’ dak l-gurnal li fiha tidher din is-silta qed tigi annessa u markata bhala dokument ittra’ A’).

Rat in-nota tal-eccezzjoni tal-konvenut Tony Zarb (fol 6 tal-atti u li biha eccepixxa bir-rispett:

1. Illi t-talbiet ta’ l-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li fid-diskors tieghu l-konvenut ta l-fatti kif irrizultaw lilu u ghamel kummenti li jitqiesu bhal a ’fair comment’, dwar kwistjoni ta’ interess pubbliku, liema kummenti huma accettabbli f’socjeta demokratika kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.
2. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Frans Ghirxi (fol 15 ibid) u li biha eccepixxa bil-qima:-

1. Illi hu ghandu jigi liberat bl-ispejjes ghax bil-pubblikazzjoni msemmija hu kien qed iwassal lill-pubbliku taghrif – dana fil-funzjoni tieghu ta’ gurnalist konformement mal-art 12A tal-Ligi tal-Istampa. Liema provvediment gie ntrodott fil-Ligi bl-Att X tal-1996 precizament biex joffri protezzjoni lll rapportagg kif imsemmi (ara Debatiti Parlamentari) u PA/JSP Lino Debono vs Toni Abela et, 10.10.00; PA.2820/1997 Onor. Dr A Sant vs Onor. Dr Austin Gatt et, 12.11.02; PA/97/98/GV Jos. Borg vs Ant. Coleiro, 30.06.2000; avviz 794/01/SM Agricultural Co- Operative vs Peter Axisa, 22.04.2003.
2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment in-noti rispettivi tal-partijiet a fol 80, fol 85 u fol 91 et seq ibid.

Ikkunsidrat

Illi l-attur (fol 57 et seq ibid) spjega illi hu lmenta dwar dak li ntqal fid-dokument anness mal-istess avviz a fol 2 u 3 tal-atti specifikatament il-kliem markati bl-ahmar ossija 'Tony Zarb zvela, ukoll, kif ukoll xoghol li kellha l-kumpanija (l-'Interprint') dan l-ahhar inghata lill-kumpanija ohra li hija kompetitrici diretta tal-kumpanija Interprint'.

Zvela wkoll kif ic-'chairman' ta' l-'Interprint' huwa konsulent tal-kumpanija kompetitrici'. Dwar dan l-attur kompla jghid illi hu kien 'chairman' tas-socjeta' 'Interprint' wahda parastatali b'dina il-hatra moghtija lilu mill-Gvern. Hu specifika illi ma kienx 'executive chairman' u kien inkarigat biss in konnessjoni ma' 'policy' u bl-ebda mod ma kien involut fid-'day to day operations' ta' din is-socjeta'. Fl-istess waqt hu kien jaghmilha ta' konsulent ma diversi klijenti f'dak li jinvolvi impjiegi u relazzjonijiet industrijali ossija rizorsi umani fosthom mas-socjeta' 'Guthenberg'. Il-konvenut, Tony Zarb, kien allegatament qal l-imsemmija kliem fir-rapurtagg in esami f'konferenza stampa quddiem il-bini tal-istess kumpanija meta din kienet ser taghlaq u ma tkompliex topera fil-kamp tal-istampar u l-attur kien sema' dan il-kliem l-ewwel fuq ir-radju u mbaghad minn gazzetti ohrajn fosthom fil-harga in esami. In kontroesami, hu semma' illi hu kien di gja konsulent mas-socjeta' 'Guthenberg' meta kien gie mahtur bhala 'chairman' tas-socjeta' 'Interprint'. Kien minnu li z-zewg socjetajiet kienu jikkompetu ma xulxin fl-istess kamp izda hu hass illi ma kien hemm l-ebda konflitt ta' interess bejn il-kariga msemmija u l–fatt li kien konsulent ta' socjeta' kompetitrici, kif ukoll illi ma kienx hemm bzonn li jinforma lill-Bord tad-Diretturi tas-socjeta' 'Interprint' dwar dan. In rigward dawn il-'board meetings' kienu gew prezentati l-'accounts' globali tal-istess socjeta izda hawnhekk qatt ma' kienet tigi diskussa xi 'tender' partikolari jew in generali. Pero' "On paper, kelli access ghar-'records' tal-kumpanija inkluzi offerti illi kienu saru

dwar ‘Tenders’” u “Kieku ridt …. xi informazzjoni… kont nimxi … permezz tal-‘General Manager’ kif suppost”.

Ikkunsidrat

Illi l-imsemmi ‘General Manager’ gie prodott u dan, Alfred Azzopardi (fol 18 et seq ibid) spjega li kien jikkomunika mal-attur “qua Chairman” kwazi kulljum sabiex jzomni nfurmat dwar l-operat tas-socjeta’ ‘Interprint’ in rigward l-ordinijiet w il-bejgh. Hu spjega illi l-istess socjeta kienet tesporta dwazi disghin fil-mija (90%) u l-istess xhud kien jiehu d-decisjonijiet ta’ natura kummercjali u n-negozjati dwar ordnijiet kienu jsiru minnu u nies addetti mad-dipartiment tal-bejgh.

In rigward ir-rappurtagg in esami, hu sostna illi “Sa fejn naf jiena ma naf (b)l-ebda ordnijiet li saru u li nghataw lill-kumpanija ohra kompetitrici diretta ta’ l-‘Interprint’” u jekk dan sar, dan seta’ sar biss jew mix-xhud stess jew mit-tnejn minn nies gja msemmija u addetti mas-sezzjoni tal-bejgh. Hu kompla billi qal illi minn mindu gie pubblikament imxandar konferenza stampa li saret fl-1 ta’ Ottubru 2005 illi s-socjeta’ ‘Interprint’ kienet ser tieqaf milli tiffonzjonia kien hemm hafna xoghol gja ordnat, li kien ser jinghata lil ditti ohrajn. Filfatt sa fejn seta’ jaf ix-xhud, kienu, biss, tlett klijenti zghar li hadu x-xoghol taghhom ghand id-ditta ‘Guthenberg’. Inoltre, kompetituri ohrajn tas-socjeta’ ‘Interprint’ kienu ukoll “… talbu films in rigward xoghol gja esegwit. Fl-ahhar nett, hu semma illi kemm l-attur ‘qua chairman’, kif ukoll il-Bord kollu tad-diretturi kellhom access ghal kull informazzjoni li tinvolvi l-istess socjeta (ara ukoll ix-xhieda ta’ Joseph Bonnici a fol 52 et seq ibid). Dwar dak premess, gie presentat ‘affidavit’ tac-‘chairman’ u ‘managing director’ tas-socjeta’ ‘Gutenberg Ltd’, Frank Spiteri (fol 23 ibid) u dan ikkonferma illi l-attur, fl-istess perjodu kien biss konsulent ma’ din is-socjeta’ in konnessjoni ma rizorsi umani fir-relazzjonijiet industrijali. L-istess attur qatt ma kien involut, b’xi mod, f’diskussjonijiet, trattasi in rigward ordnijiet ta’ kwalunkwe xorta.

Illi gew prodotti diversi gurnalisti li rraportaw dak li kien qal il-konvenut, Tony Zarb fl-okkazjoni msemmija.

a) Massimo Farrugia (fol 24 et seq ibid) xehed illi, specjalment in rigward dik il-parti tar-rapport tieghu, kif delinjata (fol 26 ibid), "…. Dak kollu mnizzel f'dan ir-rapport smajtu u intqal mill-istess Tony Zarb". Hawnhekk inghad illi s-socjeta' 'Interprint' kienet tilfet kuntratt importanti li ttiehed minn kompetitur – Gutenberg Press – u fil-paragrafu immedjatament wara, ic-'chairman' tal-istess 'Interprint' ossija l-attur kellu konflitt ta' interess peress li kien 'advisor to Gutenberg'. Skond l-istess xhud, avolja l-attur ma kienex issemma b'ismu, kien 'ovvju' illi l-konvenut kien qed jirreferi ghall-attur. Hawnhekk ix-xhud issottolinea illi hu kien ikkomunika mal-attur, qabel ma gie stampat ir-rapport sabiex dan jaghti l-kummenti tieghu kif riportat fl-ahhar kolonna a fol 26.

b) Matthew Xuereb (fol 28 et seq ibid) kien gurnalist iehor presenti ghall-istess konferenza stampa u esebixxa kopja tal-harga tal-gazzetta 'Malta Indepenedent' minn fejn, fuq pagna 2, hemm ir-rappurtagg tal-istess avvenament (ara fol 30 ibid). L-istess xhud kkonferma dak li gie allegat mill-konvenut fil-konfront tal-attur, minghajr ma dan kien issemma b'ismu izda saret referenza ghalih bhala 'chairman' tas-socjeta' parastatali 'Interprint' u bhala konsulent industrijali mas-socjeta' privata 'Gutenberg'. Inoltre l-istess xhud, ikkonferma li l-attur kien inghata d-dritt ta' risposta skond il-ligi tal-istampa kif risultanti mid-dokument l-iehor a fol 30 ibid.

c) Paul Cachia (fol 31 et seq ibid) gurnalista mal-'website' bl-isem ta' 'Dive. Com xehed dwar l-istess konferenza stampa fil-parkegg tas-socjeta' 'Interprint' u dan ukoll ikkonferma l-kliem li ntqal mill-konvenut u ghalihom tirreferi din il-kawza, liema kliem kif imqassmin mill-istess gurnalist gew pubblikati fuq l-imsemmija'website' u fl-ahbarijiet tal-'Public Broadcasting Service'. Anke f'dan il-kaz, kienet nghatat ir-right of reply' din id-darba wara li l-istess gurnalist tkellem mal-attur. In kontroesami hu rega tenna li l-konvenut kien qal illi ic-'chairman' tas-socjeta' 'Interprint' kien ukoll 'direttur' tas-socjeta l-ohra kompetitrici gja imsemmija u li l-ewwel socjeta parastatali kienet tilfet kuntratt ta' Lm100,000 u

dan inghata lill-istess socjeta' privata u 'Dan kollu kien intqal f'kuntest wiehed (1) u ma kien hemm l-ebda pawsa bejn l-ewwel (1) parti ta' l-istatement u t-tieni (2) parti u ghalhekk hu fehem, minhabba dak imsemmi fl-istess xhieda illi dawn iz-zewg 'statements' kienu relatati ma xulxin u l-konvenut kien semma 'conflict of interest'.

d) Kevin Papagiorcopolo (Fol 36 et seq ibid) ukoll kien presenti bhala gurnalist ghall-istess konferenza stampa u dak li qal il-konvenut kif rapportat jinsab immarkat bl-ahmar a fol 38 ibid u anke hawnhekk jinghad li s-socjeta' parastatali tilfet kuntratt ta' Lm100,000 li kien inghata lis-socjeta' 'Gutenberg' waqt li immedjatament wara jinghad li c-'chairman' tal-'Interprint' hu ukoll konsulent tal-ewwel socjeta msemmija'. Anke f'dan il-kaz kien inghata lill-attur id-dritt ta' risposta wara li l-istess rappurtagg kien gie imxandar.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut, Tony Zarb (a fol 68 u fol 71 et seq ibid) xehed permezz ta' 'affidavit' wara li kien tkellem dwar l-gheluq tal-fabbrika tas-socjeta' parastatali 'Interprint' u l-inkwiet fost il-haddiema hemm impjegati u dan, skond il-konvenut, minhabba tmexxija hazina u nuqqas ta' investiment f'makkinarju gdid, kien qal ukoll li s-socjeta' privata ' Gutenberg' kienet ghamlet l-oppost ta' dan. Difatti fis-sajf tal-2005, gie mhabbar li l-fabbrika tal-'Interprint' kienet ser taghlaq bl-imjegati jinghataw is-sensja. Minhabba din is-sitwazzjoni u f'dan l-isfond kienet saret il-konferenza stampa in esami. L-istess konvenut kien sar jaf illi c-'chairman' tas-socjeta' 'Inter Print' kien ukoll jaghmilha ta' konsulent tas-socjeta' l-ohra 'Gutenberg' u jaghti pariri lil din is-socjeta' li kienet sejra tajjeb u ghalhekk hass li kien ta' interess pubbliku u ' ….. jitpoggew ghall-iskrutinju tal-pubbliku". In rigward il-harga tal-gazzetta imsemmija, il-konvenut jghid li gie ikkwotat li qal "xoghol li kellha l-kumpanija dan l-ahhar inghatat lil kumpanija ohra, li hija kompetitrici diretta …" kif ukoll li "ic-Chairman tal-Interprint huwa konsulent tal-kumpanija kompetitrici. Hu irrefera ghal dawn bhala fatti li ngiebu a konjizzjoni tieghu u kienu ta' interess ghall-pubbliku. Inoltre hu sostna illi meta kien indirizza lill-gurnalisti, 'fl-

ebda moment ma ghedt illi kien hemm xi ‘tenders’ jew offerti li gew mghoddija lil Gutenberg. Izda kien xorta wahda tal-fehma li kien hemm konflitt ta’ interess in vista li l-attur kien fl-istess waqt ‘chairman’ ta’ azienda pubblika u konsulent ta’ socjeta’ kompetitrici u ghalhekk l-attur espona ruhu ghal kritika b’mod specjali meta naqas li jiddikjara lill-Bord tas-socjeta’ ‘Interprint’ tali konflitt. In kontroesami hu qal li kien jaf li l-attur kien konsulent fir-relazzjonijiet industrjali. U kompla billi qal illi fiz-zmien in kwistjoni kien qed jsir tentattiv sabiex, bhala ‘union’ “… naraw kif l-Interprint tista’ tkompli tahdem”. Hu kellu informazzjoni moghtija lilu minn haddiema tal-istess ‘Interprint’ illi xoghol li kien gie moghti lill-istess socjeta’ parastatali kien inghata lill-kumpaniji ohrajn ossija lil ‘Gutenberg’ u lill ‘Allied Malta Newspapers’. Dwar dan il-kaz hu qal li kien minnu li kien qal li l-kliem “Zvela ukoll fuq ic-‘Chairman’ ta’ l-‘Interprint’ huwa konsulent ta’ l-kumpanija kompetitrici’ u filfatt “…. Hija l-verita”. Pero, avolja dak li kein qal dwar telf ta’ xoghol ta’ stampar da parti tal-‘Interprint’ u dwar l-konflitt ta’ interess li kellu l-attur “.. .tpoggew minn wara xulxin” fi kliemu stess “… ma kien hemm ebda skop partikolari” u “… l-fatt li l-attur kien konsulent dan ma jfissirx li kien jintilef xoghol mill-‘Interprint’” . Difatti hu qatt ma kien sostna illi “… s-Sur Mallia Milanes ha x-xoghol minghand l-‘Interprint’ u nghata minnu lil ‘Gutenberg’”. Izda hu kien jhoss illi kien hemm konflitt ta’ interess bejn il-karigi li kellu l-attur.

Ikkunsidrat

Illi l-partijiet kollha involuti f’dan il-kaz, a bazi tal-provi kif hawn fuq sintetizzati ssottomettew bil-miktub is-segwenti:-

a) l-attur (fol 80 et seq ibid) issottometta illi f’dan il-kaz jissusistu t-tlett elementi sabiex dawn flimkien jikkonstitwixxu difamazzjoni cjoe l-pubblikazzjoni, l-indentifikazzjoni u d-difamazzjoni. Waqt li fuq l-ewwel zewg elementi ma ghandu jkun hemm ebda dubbju l-attur jghid, dwar it-tielet wiehed illi hemm zewg allegazzonjiet ta’ fatti cjoe li a) xoghol tas-socjeta’ ‘Interprint’ kien inghata lil socjeta’ ohra, kompetitrici taghha u li b) c-‘chairman’ tal-‘Interprint’ huwa konsulent mal-istess

socjeta' kompetitrici. Dawn iz-zewg allegazzjonjiet, jekk jintqalu flimkien jimplikaw li '… c-chairman' tal-Interprint kellu 'mano in pasta' biex sehhet l-ewwel allegazzjoni "L-attur jkompli jghid illi l-konvenut zvela kif xoghol li kellha il-kumpanija 'Interprint' inghata lill-ohra cjoe' 'Gutenberg Press' li taghha l-attur kien konsulent. Dwar din l-implikazzjoni l-attur ghamel referenza ghal diversi xhieda li qalu li l-attur kien biss konsulent ta' din is-socjeta' fil-kamp ta' rizorsi umani u ralzzjonjiet industrijali u bl-ebda mod l-istess attur ma kien involut fl-ghoti ta' kuntratti lis-socjeta' li taghha kien biss konsulent. Ghalhekk l-attur jsostni li l-kovenut, fid-diskors tieghu implika li l-istess attur kien qed jagixxi kontra l-interessi tas-socjeta' 'Interprint' li taghha kien 'Chairman' . Din, fil-fehma tal-attur hi malfamanti b'mod gravi u inveritjera.

b) <u>Il-konvenut Tony Zarb</u> jsostni li dak li qal fid-dikors tieghu jammonta ghal 'fair comment' u ibbaza dan il-punt fuq gurisprudenza u jikkontendi li l-kliem li ntqal minnu kien a bazi ta' fatti li rrisultawlu liema fatti huma fl-interess pubbliku. Filfatt l-attur kien ic-'chairman' ta' kumpanija parastatali u fl-istess waqt il-konsulent ma' socjeta' ohra kompetitrici. Skond hu dawn kienu fatti li kien sar jaf bihom u li kien jinteressaw lill-pubbliku in generali u gew pruvati. Difatti hu kien qalilhom skond dejjem l-istess konvenut, peress li skond hu il-kumpanija 'Interprint' ma kienetx ser taghlaq minhabba nuqqas ta' xoghol u zied jghid illi 'certament ma ghidtx li l-attur kien involut f'xi caqliq ta' 'tender' . Pero jghid ukoll illi, in rigward l-attur kien hemm konflitt ta' interess minhabba z-zewg karigi li dan kellu fiz-zewg socjetajiet li kienu jikkompetu bejniethom. Filfatt l-attur stess stqarr li hu qatt ma kien informa lid-Diretturi tas-socjeta' 'Interprint' illi kien ukoll konsulent mas-socjeta' 'Gutenberg'. Hu jkompli billi jsostni illi hu qal il-kliem in esami fl-interess pubbliku specjalment minhabba l-fatt illi trattasi ta' socjeta' parastatali li kienet fil-procint li tigi xolta u, b'hekk, bir-risultat illi l-impjieg tal-haddiema taghha, kien qed jigi mhedded. Ghalhekk hu hass, li kellu jghid, fil-fehma tieghu, dwar x'seta' jwassal din is-socjeta' sabiex tigi xolta u ghalhekk kien gustifkat li jaghmel kritika ta' kif kienet qed titmexxa l-istess socjeta. Fl-ahhar nett, hu rrefera ghad-dritt civili tieghu ghall-liberta tal-espressjoni.

c) Il-konvenut l-iehor jsostni li hu protett minn ‘qualified privilege’ skond l-artikolu 12A tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta’ Malta, li jopera sabiex jigi protett gurnalist f’kaz li:-

a) ir-rapport ta’ dak li intqal jirrifletti verament dak li jkun intqal minnu.
b) Persuna li tkun identifikata u
c) Li din il-persuna tkun taf jew tippresumi li ser tigi rappesentata u
d) Liema rapport hu ragjonevolment gustikat f’socjeta demokratika.

Fuq dan il-kaz, dan il-konvenut jsostni li kien konformi ma’ dan l-artikolu u ma giex pruvat li ‘ivvinta hu‘ xi haga dwar l-attur.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-konvenut Tony Zarb jidher, minn dak premess illi:-

a) Hu minnu li l-attur kien fl-istess waqt ‘chairman’ ta’ socjeta’ parastatali kif ukoll konsulent ma’ socjeta ohra kompetitrici taghha.
b) Meta l-konvenut Tony Zarb ghamel id-diskors in kwistjoni, is-socjeta’ ‘Interprint’ kienet f’sitwazzjoni finanzjarja hazina u filfatt kienet giet xolta b’telf ta’ impjegi
c) F’dan l-isfond l-istess Zarb sostna fl-istess diskors illi xoghol li kellha s-socjeta’ ‘Interprint’ kien inghata lill-ohra kompetitrici taghha. Inoltre sema x’konnessjoni kien hemm vis-à-vis l-attur, fiz-zewg socjetajiet involuti fl-istess tip ta’ xoghol.
d) Dwar dan, il-Qorti tara li dak li kkommenta dan il-konvenut kien bazat fuq fatti veritjeri u tara li effettivament, seta’ kien hemm konflitt ta’ interess bejn il-kariga li kellu l-attur mas-socjeta’ ‘Interprint’ u x-xoghol ta’ konsulent anke jekk fil-kap industrijali mas-socjeta l-ohra.
e) Ghalhekk, fl-oponjoni ta’ Qorti, dak li qal dan il-konvenut ma jistax jigi konsiderat bhala malfamanti fil-konfront tal-attur izda ‘fair comment’ maghmul fic-cirkostanzi li fiha kienet tinsab is-socjeta’ parastatali.

Difatti dak li sostna l-konvenut fl-istess diskors ghandha tigi konsiderata bhala kritika harxa ta' persuna involuta fit-tmexxija ta' entita pubblika u li tista' tkun soggetta ghall-iskrutinju tal-pubbliku u ghal kritika, anke spjacevoli, izda gustifikata f'socjeta demokratika.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-konvenut Frans Ghirxi il-Qorti tara li dak li gie rappurtat fil-gazzetta li taghha kien editur jissodisfa l-elementi kollha gja citati, ta' 'a qualified previlege lege'.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad it-talbiet attrici waqt li l-ispejjes ghandhom jibqghu minghajr taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------